MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 27 ta' Settembru, 2002

Citazzjoni Numru. 441/2001/2

***Salvatore GRIMA u martu Josephine***

***vs***

***Emmanuel MALLIA***

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Marzu, 2001, li bih l-atturi ippremettew:

Illi l-atturi jiddetjenu l-arja sovrastanti korp ta' żvilupp li jizbokka fi Triq Tumas Fenech, B'Kara liema arja tmiss ma' arja oħra appartenenti u posseduta mill-konvenut;

Illi bejn l-arja ta' l-atturi u l-arja tal-konvenut kien hemm ħajt esistenti u bejn it-8 ta' Marzu u l-14 ta' Marzu 2001 il-konvenut neħħa parti mill-ħajt divizorju u minflok waħħal

bieb ta' garage u ttanta li pprova jaċċedi għall-arja tiegħu minn fuq il-proprjeta' datenuta mill-atturi;

Illi l-konvenut interpellat sabiex jirrestitwixxi l-proprjeta' kif kienet baqa' inadempjenti;

Illi dawn ix-xogħlijiet saru da parti tal-konvenut mingħajr il-kunsens jew approvazzjoni ta' l-attur u għalhekk tali aġir jikkostitwixxi spoll privileggjat;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut li kkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-atturi u dan billi neħħa parti mill-ħajt li jiddividi l-proprjeta' detenuta mill-konvenut u dik detenuta mill-attur u minflok waħħal bieb ta' garage fil-proprjeta' fuq imsemmija;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss sabiex jirrestitwixxi l-proprejta' għall-istat li kienet qabel ma sar tali spoll u dan taħt l-opera ta' periti nominandi jekk ikun il-każ;

3. Tawtorizza lill-attur sabiex fin-nuqqas tal-konvenut li jagħmel dak li jiġi hekk lilu ordnat, li jagħmel l-istess xogħlijiet għas-spejjeż tal-konvenut u dan taħt l-opera ta' periti nominandi jekk ikun il-każ;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-30 ta' Mejju, 2001, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Fl-ewwel lok l-eċċipjenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li hu ma għamel l-ebda xogħol fil-fond in kwestjoni. Għalhekk ukoll ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-istanti;

2. Fit-tieni lok u mingħajr pregudizzju għas-suespost, il-konvenut ma kkometta l-ebda spoll vjolenti u klandestin kontra l-atturi;

3. Fit-tielet lok u dejjem mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-azzjoni attriċi hija nulla stante li jonqsu l-elementi essenzjali ta' l-istess azzjoni;

4. Salv eċċezzjonijiet oħrajn;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2001, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu l-provi tagħhom bil-mezz tal-affidavit;

Rat in-Nota mressqa fit-18 ta' Lulju, 2001[1], li biha l-imħarrek ressaq ix-xhieda tiegħu bl-affidavit u żewġ (2) dokumenti mehmużin miegħu;

Rat in-Nota mressqa fil-5 t'Ottubru, 2001[2], li biha l-attur ressaq ix-xhieda tiegħu bl-affidavit u dokument mehmuż miegħu;

Semgħet ix-xiehda tal-partijiet;

Rat id-Degriet tagħha tat-23 ta' Jannar, 2002, li biha l-Qorti tat lill-imħarrek żmien biex jagħmel Nota ta' Sottomissjonijiet bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-7 ta' Marzu, 2002[3];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Pa[[. 16 sa 20 tal-pro`ess
[2] Pa[[. 21 sa 25 tal-pro`ess
[3] Pa[[. 53-6 tal-pro`ess

Rat id-Degrieti tagħha tat-12 ta' Marzu, 2002, tat-3 ta' Lulju, 2002, u tat-12 ta' Lulju, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' spoll. L-atturi qegħdin jilmentaw li matul l-ewwel nofs ta' Marzu, 2001, u mingħajr il-kunsens jew l-għarfien tagħhom, l-imħarrek neħħa ħajt (ċint) li kien jaqsam l-arja ta' ġid li hu għandu f'idejh mill-arja ta' ġid tagħhom, u minflok il-ħajt (ċint) waħħal bieb ta' garaxx;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qiegħed jgħid li hu m'għamel l-ebda xogħol u għalhekk imissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża għax m'għandu l-ebda rabta mal-atturi; minbarra dan, jgħid li ma wettaq l-ebda spoll; u qiegħed jgħid ukoll li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex, fil-każ partikolari, jonqsu l-elementi ji jsawruha;

Illi **<u>il-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-proċess</u>** juru li l-atturi għandhom bi proprjeta' remissa (numru G31)[4] li tagħmel parti minn binja akbar ta' remissi fi Triq Tumas Fenech, f'Birkirkara. L-arja tal-imsemmija remissa kif ukoll l-arja ta' remissi oħrajn ħdejn dik tagħhom hija tal-atturi wkoll. L-imħarrek huwa s-sid tar-remissa ta' biswit dik tal-atturi (numru G32), magħduda l-arja tagħha[5]. Huwa kien xtraha fl-1989 mingħand l-attur. Il-ħajt in kwestjoni kien ittella' mill-attur meta kien saqqaf il-bitħa komuni li tagħti għar-remissi. L-attur jgħid li l-ħajt tellgħu kollu fuq il-ġid tiegħu[6].

L-imħarrek jgħid li l-ħajt ittella' fuq ġidu stess u li l-bieb tal-garaxx waħħlu fuq talba tal-attur innifsu (tant li mar jagħmlu għand wieħed li l-attur innifsu insista li kellu jsir għandu[7]), li mbagħad, wara, bidel fehemtu u talbu jneħħih

---

[4] Kif murija fid-dokument f'pa[na 5 tal-pro`ess

[5] Ara Dok "EM1", f'pa[. 18 tal-pro`ess

[6] Xhieda bl-affidavit f'pa[. 22 tal-pro`ess

[7] Kif, fil-fatt, jidher li l-im]arrek g]amel fit-13 ta' Marzu, 2001, kif juri d-Dok "EM2", f'pa[. 20 tal-pro`ess; u ara wkoll ix-xhieda ta' Raymond Mallia 23.1.2002, f'pa[[. 51-2 tal-pro`ess

u jerġa' jtella' l-ħajt;Illi l-attur jgħid li l-imħarrek stqarr miegħu li kien hu li qala' l-ħajt u li l-ġebel li neħħa kien poġġih fil-binja l-ġdida li tella' fl-arja tiegħu. L-imħarrek jistqarr ukoll li l-arja ta' fuq ir-remissa tiegħu bena fiha hu[8] billi qabbad lil min jibnihielu. Fiż-żmien li l-attur kien saqqaf il-bitħa komuni[9], l-imħarrek kien qabbad perit biex jagħmel kostatazzjonijiet dwar ix-xogħlijiet li saru[10], u kif dawn effettwaw il-ġid tiegħu. Il-perit xehed li l-bieb tal-garaxx li tqiegħed fil-binja ta' fuq ir-remissa tal-imħarrek tqiegħed minflok opramorta li kien hemm qabel[11];

Illi wara li saru l-aċċenni rilevanti tal-provi mressqa, jidher xieraq li wieħed iqis xi **aspetti legali tal-azzjoni** li l-Qorti għandha quddiemha, u dan ukoll minħabba l-eċċezzjoni ewlenija li l-imħarrek laqa' biha għall-azzjoni tal-atturi;

Illi l-azzjoni mibdija mill-atturi hija dik possessorja magħrufa bħala l-Azzjoni ta' Spoll, u li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-azzjoni hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji li l-Kodiċi Ċivili tagħna jagħraf li jistgħu jittieħdu għall-ħarsien tal-pussess;

Illi l-għażla ta' liema azzjoni tinbeda hija mħollija f'idejn min jagħmel il-kawża, u ladarba min jiftaħ kawża jfassalha fuq elementi partikolari, mhux imħolli lill-Qorti li tagħżel x'rimedju ieħor messu fittex l-attur. F'dan il-każ, kif jingħad fl-Att taċ-Ċitazzjoni nnifsu, l-azzjoni magħżula hija dik ta' spoll;

Illi huwa stabilit li fl-azzjoni ta' spoll huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (c) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn.;

Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar

[8] Xhieda tieg]u in kontro-e\ami 7.11.2001, f'pa[[. 35-6 tal-pro`ess
[9] Fl-1998
[10] Dok "PB1", f'pa[[. 40-3 tal-pro`ess
[11] Xhieda tal-Perit Bu]a[iar 23.1.2002, f'pa[[. 48-9 tal-pro`ess

materjali jew ta' fatt[12]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[13], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[14] u dak tal-ispoll[15]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[16], tant li l-azzjoni tista' tirnexxi wkoll jekk issir kontra possessur ieħor li jkun ħa għalih waħdu pussess li kien maqsum, u saħansitra kontra s-sid tal-ħaġa li l-attur ikun ġie mċaħħad mill-pussess tagħha;

Illi, <u>dwar it-tieni element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[17]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[18];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu jew mingħajr ma jitħalla jintebah bih;

Illi <u>dwar it-tielet element</u>, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġat saret barra żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[19];

---

[12] App.: **26.1.1996** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe***

[13] P.A. : **21.2.1983** fil-kaw\a fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna*** u P.A. **15.10.1992** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Wismayer vs WismayerA[ius***

[14] App.: **4.12.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)

[15] App. ~iv.: **9.3.1992** fil-kaw\a fl-ismijiet ***C. Cardona vs F. Tabone***; u P.A. **12.6.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. ~ilia et vs L. Camilleri et;***

[16] P.A.: **21.1.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farru[ia***;

[17] P.A. **30.4.1991** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. Vella vs S. Micallef***

[18] App. ~iv. **9.1.1976** fil-kaw\a fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe***

[19] App. ~iv. **18.6.1993** fil-kaw\a fl-ismijiet ***N. Vassallo vs F. Esposito***

Illi dwar il-kwestjoni taż-żmien li fiha jmissha ssir il-kawża għandu jingħad li tinqala' l-problema dwar minn meta għandu jibda jintgħadd it-terminu ta' xahrejn li tiffissa l-liġi. Dan jinħoloq b'mod partikolari meta l-għamil spoljattiv ikun sar minn wara dahar il-persuna li kellha l-pussess. Kien hemm każijiet fejn il-qrati għamlu distinzjoni bejn meta l-għamil ta' spoll ikun wieħed li sar darba u fejn l-għamil ikun att li jippresisti, u għalhekk inħoloq il-ħsieb li l-azzjoni tibda jew minn meta l-persuna li tteħdilha l-pussess intebhet bl-ispoll jew meta l-att persistenti ntemm[20]. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġata tal-ispoll (l-artikolu 791 tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux għażla għal dik li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta' xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dak inhar tal-ispoll[21];

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jesistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħrajn tal-pussess u tal-għamil li bih il-pussess ikun ittieħed[22]. B'rabta ma' dan irid jingħad ukoll li l-piż tal-prova tal-eżistenza tat-tliet elementi fuq imfissra jaqa' fuq min ikun fetaħ il-kawża u allega l-ispoll;

Illi, jifdal punt importanti li jiġi studjat, u dan hu marbut mal-argument dwar jekk l-imħarrek ħassux ġustifikat li jagħmel dak li għamel, jew dwar jekk il-qagħda li kien hemm qabel sar l-għamil ilmentat kinitx, fil-fehma tiegħu, illegali. Huwa biss f'ċirkostanzi rari u partikolari li l-imħarrek jitqies ġustifikat li jirreaġixxi għal għamil ta' ħaddieħor bla ma jikser ir-rabta li ma jċaħħadx lil

---

[20] P.A. **19.1.1996** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Bor[ vs Attard***

[21] App. ~iv. **4.12.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Dr. F.X. Vassallo noe vs J. Baldacchino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1354**)

[22] Ara App. ~iv. **19.4.1999** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.72**)

ħaddieħor mill-pussess. Dawn iċ-ċirkostanzi huma dawk li jaqgħu fil-limiti tal-massima *vim vi repellere licet*[23];

Illi din il-Qorti tqis li jekk għandu jingħata tifsir sewwa tal-azzjoni possessorja tal-ispoll maħsuba fl-artikolu 535, din għandha tiġi mfissra kif riedha l-leġislatur. Kien għalhekk li dak l-artikolu suppost jinqara flimkien mal-artikolu 791 tal-Kap 12, li jillimita l-għamla ta' eċċezzjonijiet li jistgħu jittellgħu kontra l-attur għal dawk strettament ta' natura dilatorja. B'mod partikolari, għall-azzjoni ta' spoll, l-imħarrek ma jistax iwieġeb jew jilqa' billi jgħid li l-att tiegħu kien wieħed leġittimu, għaliex dik id-difiża tappartieni lill-ġudizzju petitorju[24];

Illi kwestjoni li għadha tqanqal kontroversja quddiem il-Qrati tagħna hija dik li ddur madwar il-fehma ta' min iwettaq l-għamil li jtellef il-pussess lill-attur. F'din il-kawża, l-imħarrek iressaq parti kbira mis-sottomissjonijiet tiegħu fuq l-element tal-intenzjoni, u jgħid li hu ma kellu qatt l-*animus spoliandi* biex iċaħħad lill-atturi mill-pussess li huma kellhom taċ-ċint. Din il-Qorti hija tal-fehma, li filwaqt li għandu jiġi muri li min wettaq l-għamil kien jaf li qiegħed jagħmlu, ma temminx li għas-suċċess tal-azzjoni possessorja ta' spoll privileġġat jeħtieġ li jiġi ppruvat ukoll l-element tal-fehma spoljattiva f'moħħ min wettaq dak l-għamil. Bosta drabi, din il-fehma tkun tinstab fl-għamil spoljattiv innifsu. Din il-Qorti tqis għalhekk li huma t-tliet elementi fuq imsemmija, u dawn biss, li jsejsu l-azzjoni ta' spoll[25];

Illi wieħed jgħaddi issa biex jara kif u jekk l-elementi msemmijin hawn fuq japplikawx f'dan il-każ. Dwar dak li jolqot l-ewwel rekwiżit tal-pussess, l-atturi qegħdin jgħidu li huma kellhom pussess tal-ħajt (ċint) li minfloku ttella' l-bieb tar-remissa li huma issa jridu li jitneħħa. Mid-dokumenti mressqa fl-atti tal-kawża, m'għandu jkun hemm

[23] Ara App. ~iv. **5.10.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Camilleri vs Bonello*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.499**)
[24] P.A. **4.2.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Delia vs Schembri*** (Kollez Vol: **XLII.ii.900**)
[25] App. ~iv. **9.3.1992** fil-kaw\a fl-ismijiet ***C. Cardona vs F. Tabone et***; App. ~iv. **2.11.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***A[ius et vs A[ius et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.319**) u l-g]add ta' sentenzi hemm imsemmija; u App. ~iv. **11.11.1997** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Bu]a[iar vs Farru[ia***

l-ebda diffikulta' biex wieħed jasal għall-fehma li l-atturi kellhom pussess tal-imsemmi ċint, fis-sens li kienu jinqdew bih biex jifirdu l-ambjenti li kienu f'idejhom minn dak f'idejn l-imħarrek. Il-kwestjoni dwar jekk dak iċ-ċint kienx imtella' kollu kemm hu fl-ambitu tal-arja tal-atturi jew ittellax fuq il-linja diviżorja jew saħansitra jekk ittellax fl-ambitu tal-arja tal-imħarrek (kif jallega l-istess imħarrek), huwa għal kollox irrilevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża[26]. L-użu, jew aħjar l-għan, tal-imsemmi ċint huwa aċċettat mill-imħarrek ukoll;

Illi dwar il-fattur taż-żmien f'din il-kawża ma jidhirx li għandu għaliex ikun hemm dubju, għaliex l-atturi fetħu din il-kawża ftit jiem wara li tqiegħed f'postu l-bieb tar-remissa, u għalhekk matul iż-żmien sewwa ta' xahrejn li trid il-liġi;

Illi l-element tat-teħid tal-pussess joħloq xi ftit tad-diffikulta'. Dan jingħad għaliex l-imħarrek jisħaq li dak li għamel kien għarraf bih lill-attur minn qabel u parti minn dak li sar kien saħansitra sar fuq insistenza u kif ried l-istess attur. Dwar din iċ-ċirkostanza, l-imħarrek ressaq b'xhud lil neputih li kien preżenti meta jingħad li sar kliem bejn l-attur u l-imħarrek qrib ħanut dwar ix-xogħlijiet li l-imħarrek kien sejjer jagħmel. L-attur ma jiċħadx li kien ġie mgħarraf minn qabel b'dak li kien sejjer jagħmel l-imħarrek, imma, waqt it-trattazzjoni tal-aħħar, l-abbli difensur tiegħu jgħid li b'daqshekk ma jistax jingħad li lill-imħarrek tah il-kunsens tiegħu biex jagħmel dawk ix-xogħlijiet. Fuq kollox, żied jgħid, jekk sar xi diskors bħal dan, dan seħħ fil-qafas ta' negozjati li kienu qegħdin isiru bejniethom maħsuba biex l-imħarrek jikseb il-proprjeta' ta' xi ambjenti oħrajn fil-fond. L-attur jikkonkludi li, ladarba dak il-ftehim ma seħħx, kull kunsens tiegħu għax-xogħlijiet li ried jagħmel l-imħarrek kien kondizzjonat u dipendenti fuq tali ftehim;

Illi bħalma fil-każ tal-aspett tal-pussess, l-kwestjoni ta' titolu m'għandhiex tagħmel parti mill-istħarriġ tal-elementi kostitutivi tal-azzjoni ta' spoll, daqstant ieħor irid jingħad li

[26] P.A. **14.7.1999** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carabott et vs ~iangura et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.iii.222**)

jekk ma jkunx jirriżulta teħid ta' pussess b'ħabi jew vjolenza, mhux sewwa li wieħed jidħol fuq ir-raġunijiet li jsawru l-kunsens tal-attur li jitneħħa mill-pussess jew jekk tali kunsens kienx kondizzjonali. Lanqas ma jidher xieraq li l-element tat-teħid tal-pussess jitqies li sar kontra l-kunsens tal-persuna jekk, wara li jsir l-għamil, dik il-persuna tibdel il-fehma tagħha u ma tibqax taqbel ma' dak li jkun sar. Irid jintwera li l-persuna li tallega li tneħħiet mill-pussess ma kienet qatt favur l-għamil li sar. Billi l-azzjoni ta' spoll hija waħda li timmira li tħares l-ordni pubbliku, eżerċizzju bħal dan ikun qiegħed ifixkel l-istħarriġ skarn tat-tliet elementi fuq imsemmija;

Illi wara li l-Qorti fliet sewwa kull prova u dokument imressaq mill-partijiet, issib li l-verżjoni mogħtija mill-imħarrek għandha mis-sewwa u, f'dan il-każ, ma jistax jingħad li dak li huwa għamel sar bi vjolenza, bil-moħbi jew kontra r-rieda tal-atturi. Fost il-fatti li jwassluha għal din il-fehma, il-Qorti tara li l-attur kien jaf bix-xogħol li kien qiegħed jagħmel l-imħarrek[27], u li kien l-attur li ssuġġerixxa lill-imħarrek fejn seta' jmur jordna l-bieb tar-remissa ta' fuq[28] (kif fil-fatt sar);

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li, f'dan il-każ, l-atturi ma seħħilhomx jippruvaw l-elementi kollha tal-azzjoni minnhom mibdija kontra l-imħarrek, u għalhekk il-tieni eċċezzjoni mressqa mill-imħarrek tidher mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek,

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tiegħu** u tiddikjara li ma ġiex muri li jeżistu l-elementi kollha li huma meħtieġa biex isejsu l-azzjoni tal-atturi;

Konsegwentement, **tiċħad it-talbiet attriċi;**

U tikkundanna lil**l-atturi jħallsu l-ispejjeż** tal-kawża.

---

[27] Par. 3,4, 5 tal-affidavit tal-attur, f'pa[. 22 tal-pro`ess
[28] *iid.,* par 10, f'pa[. 23 tal-pro`ess

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**27 ta’ Settembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**27 ta’ Settembru, 2002**